DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 3/2011

tal-11 ta' Frar 2011

li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIV tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1217/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1218/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta'akkordji ta' speċjalizzazzjoni ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2658/2000 ([4]) u (KE) Nru 2659/2000 ([5]), li ġew inkorporati fil-Ftehim, skadew fil-31 ta' Diċembru 2010 u għalhekk għandhom jitħassru skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 6 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2658/2000) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"**32010 R 1218**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1218/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 43)."

2. It-test tal-punt 7 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2659/2000) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"32010 R 1217: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1217/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 1217/2010 u (UE) Nru 1218/2010 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Frar 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*). Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 85, 31.3.2011, p. 14.
([2]) ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36.
([3]) ĠU L 335, 18.12.2010, p. 43.
([4]) ĠU L 304, 5.12.2000, p. 3.
([5]) ĠU L 304, 5.12.2000, p. 7.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.